2025/205

31.1.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/205

tat-30 ta' Jannar 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/204 tat-30 ta' Jannar 2025 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi biex jiġi miġġieled it-terroriżmu ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 ([2]) jagħti effett għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK ([3]).

(2) Fid-19 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/628 ([4]), li fil-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK żiedet, għal perijodu inizjali ta' 12-il xahar, eżenzjoni umanitarja għal miżuri ta' ffriżar tal-assi applikabbli għal, u għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni lil, persuni, gruppi u entitajiet dežinjati, għall-benefiċċju tal-atturi msemmija fir-Riżoluzzjoni 2664 (2022) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja, u ta' organizzazzjonijiet u aġenziji li huma ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru, jew minn aġenzija speċjalizzata ta' Stat Membru.Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2024/628 introduċiet mekkaniżmu ta' deroga għal dawk l-organizzazzjonijiet u l-atturi involuti f'attivitajiet umanitarji li ma jistgħux jibbenefikaw minn dik l-eżenzjoni umanitarja, u klawżola ta' rieżami relatata ma' dawk l-eċċezzjonijiet.

(3) Fit-30 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/204, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK biex tittawwal l-applikazzjoni tal-eżenzjoni umanitarja sat-22 ta' Frar 2027.

(4) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għaldaqstant, notevolment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tagħhom.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu (7), il-kliem "12-il xahar" huwa sostitwit bil-kliem "24 xahar";

(2) fil-paragrafu (8) id-data "sat-22 ta' Frar 2025" hija sostitwita bid-data "sat-22 ta' Frar 2027".

([1]) ĠU L, 2025/204, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/204/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/2580/oj).
([3]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2001/931/oj).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/628 tad-19 ta' Frar 2024 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L, 2024/628, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/628/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA